A.L. 71 ta' l-1990

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI (ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolament li jemenda r-Regolamenti għall-1990 ta' l-Eżami tal-Matrikola

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dan ir-Regolament li ġie magħmul mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa mogħtija lilu bl-artikolu 33 ta' dak l-Att:—

Titlu fil-Qosor

Dan ir-Regolament jista' jissejjaħ Regolament li jemenda r-Regolamenti għall-1990 ta' l-Eżami tal-Matrikola u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mar-Regolamenti għall-1990 ta' l-Eżami tal-Matrikola ippubblikati fl-Avviż Legali Nru 141 ta' l-1989.

Emenda Nru 1

Ir-Regolamenti għall-1990 ta' l-Eżami tal-Matrikola kif jidhru fl-Avviżi Legali Nru 141 ta' l-1989 huma emendati skond kif ġej:—

Fil-klawsola (i) ta' kull wieħed miż-żewġ paragrafi 2.1 u 2.2, minflok il-kliem "il-Latin;" għandhom jidħlu l-kliem "il-Latin, *Land Surveying*;".